# *IL-FESTA... TIFKIRIET*

Il-Festa kienet tiġi fost ix-xogħol. Salvu Mifsud 'Imrajz' minn dejjem iħobb il-knisja u l-festa. Kien jgħin lill-prokuraturi Dun Spir Grixti, Dun Ġolormu Seychell u lil Kelinu Tabone 'ta' Sakra Nobis'.



**ĦRUĠ TAL-VARA MINN NIĊĊA**
Salvu kien imur ifittex xi rġiel mill-ħwienet tal-pjazza biex jagħtu daqqa t'id. L-istatwa kienet titpoġġa fuq il-bradella l-qadima għall-ewwel, wara, xi jumejn qabel it-Tridu kienet tiġi mqiegħda fuq il-bradella l-ġdida. Il-ħruġ ta' l-istatwa minn niċċa kien ikun kollox fil-kwiet, ma kienx isir xi briju. Malli tgħaddi l-festa, l-istatwa kienet terġa' titqiegħed fuq il-bradella l-qadima, sa l-ottava.

**ĠRANET TAT-TRIDU**
Il-Quddiesa kantata bid-djaknu u sud-djaknu kienet issir filgħodu - ma kienx hawn quddiesa fil-għaxija dak iż-żmien. L-għasar kien ikun bil-latin kantat bil-vuċijiet akkumpanjati mill-Orgni, u kien jibda f'xi 4.30 p.m. Wara kienet issir il-priedka, u kif tispiċċa, jitkantaw l-Innu, l-Antifona u Tantum Ergo. Dawn kienu jitkantaw bil-vuċijiet u l-orkestra - "orkestra, xi żewġ vjolini u kuntrabaxx flimkien ma' l-orgni".

**LEJLIET IL-FESTA**
Filgħodu għall-quddiesa kantata li fiha jitkanta t-Te Deum, fuq iz-zuntier kienet tintrama' statwa żgħira ta' Santa Katarina, fuq kolonna. L-istatwa kienet tkun magħluqa fi speċi ta' ballun/fjura, fuq ġej pjuttost ovali. Fl-art kienet tiġi mifruxa l-musketterija, u "mal-kant tat-Te Deum, il-musketterija tiġi maħruqa u fl-aħħar jinfetaħ il-ballun (maqsum f'erba') u tfiġġ l-istatwa ta' Santa Katarina".

Filgħaxija: It-translazzjoni kienet issir mill-artal tal-Kurċifiss (illum issir mill-Oratorju), timxi tul il-korsija minn taħt in-navi sa ħdejn l-artal ta' San Mikiel, "ma niftakarx jekk kienetx toħroġ mill-bieb għal fuq iz-zuntier", u ddur lejn il-bieb 'il-kbir' għall-kursija u dritt għal fuq l-artal maġġur.

**NHAR IL-FESTA**
Il-purċissjoni kienet toħroġ mal-4.30 p.m. sa xi 7.30 p.m. u forsi l-aktar, sat-8.00 p.m. L-orkestra u l-kantanti, anke waqt il-quddiesa, kienu jkunu fuq l-orgni. "Illum, kemm għall-għasar ta' lejliet u għall-quddiesa ta' nhar il-festa, mħabba l-għadd kbir ta' mużiċisti, kantanti u l-kor tal-parroċċa, impossibbli joqogħdu fuq l-orgni".

**L-OTTAVA**
Filgħodu kienet tiġi ċelebrata quddiesa kantata u filgħaxija jitkanta l-għasar.

**TIŻJIN TAL-KNISJA**
Id-damask kien jiġi armat xi tmin t'ijiem qabel il-ġimgħa tal-festa "għaliex mħabba l-għid ta' l-Imwiet, kienu jsiru xi erba' quddisiet kuljum kantati bil-mużika, u kien żmien ma tafx... ta' l-Erwieħ". Il-linef, qabel kienu bix-xemgħa "u kont nixgħelhom bl-istuta li fit-tarf ikollha kandeletta, kif jixgħelu x-xemgħat it-twal ta' l-artali. Fin-nofs, ftit 'l hawn (lejn il-bieb ta' barra) mill-lampier, kienet tintrama linfa kbira, li difatti kellha żewġ indani xemgħa. Ix-xemgħa ta' l-artali ma kienetx bħallum, bil-molla, iżda xemgħa normali "u nhar il-festa, ma' nofs inhar (kienet tkun s'intendi spiċċat il-funzjoni filgħodu) konna nibdlu dawk ix-xemgħat ta' l-artali kważi kollha, speċjalment tal-

maġġur. Konna nibdluhom bejn għax il-ftila kienet tillampja xi ftit, b'dak iċ-ċarċir, bejn għax ikunu nħlew, eċċ... Fil-fatt ix-xemgħat tal-maġġur biss konna nixgħelu sa mill-ġranet tat-tridu, ta' l-artali l-oħra lejliet il-festa filgħaxija u nhar il-festa... frattant konna nduru dawra magħhom kollha, nerġa' ngħidlek, speċjalment tal-maġġur".

Qabel kellna t-tużell tal-festa, "konna nużaw dak li l-lum jintuża kuljum. Għall-festa konna narmawh b'pataolotti sofor 'tal-lama', li konna narmawhom ukoll f'Corpus, il-Milied, f'tar-Rużarju u f'tad-Duttrina". It-tużell il-ġdid iżżanżan fl-1929, meta iżżanżnu ukoll il-ventartali ta' San Mikiel u tal-Karità. "Meta waslu l-patalotti rrakmati (saru l-Italja) tat-tużell il-ġdid, niftakar kien it-Tnejn u kont qed infarfar l-istatwa mill-karti li ġew fuqha l-jum ta' qabel peress li dawwarniha mar-raħal kollu: ir-raħal t'isfel, Bir-id-deheb, insomma, għamilna festa. Dan kien ġimgħa qabel il-festa propja. Fil-fatt l-istatwa "tista' tgħid ġdida" inġiebet xi ġranet qabel, imma dawwarniha mar-raħal fost briju kbir dak inhar. U niftakar ġie pulizija, ċertu Karmnu Callus (il-Bedek), kien joqgħod Triq M'Xlokk u staqsini jekk kienx hemm xi ħadd mill-prokuraturi, għaliex ċemplu mid-Dwana (fil-fatt kien ċempel ċertu Ġanni Farrugia 'ta' Sundra') u qalilhom li d-drapp tat-tużell (il-patalotti) qiegħed id-Dwana. Niftakar meta ġabuh - fil-fatt konna diġà armajna tal-lama - fil-ġranet ta' dik il-ġimgħa tal-festa, niżżilna t-tużell u armajna l-ġdid, opra kapulavur. Id-drapp tal-loppa kien għamlu Wiġi Galea (l-għoqdi), però l-patalotti tal-fjokk li wkoll għamilhom Wiġi ma laħqux kienu lesti. Il-knisja tagħna minnha nfisha hi mpotenti... u b'dak it-tużell kompliet tieħu dehra tabilħaqq majestuża."

Dan it-tagħrif smajnieh minn fomm Salvu Mifsud, li avolja għandu l-età, "sakemm il-bambin jagħtih il-forza, jibqa' jitla' l-knisja", għaliex il-knisja, u l-festa f'ġieh Santa Katarina, huma l-mimmi t'għajnejh.

## IL-LANTERNA TAL-KOPPLA



Għaliex il-lanterna tal-koppla tinsab imdawra bil-ħadid u l-injam? Fil-fuljett tar-randan konna tajna d-dettalji tal-ħsara li hemm u tat-tiswija li trid issir. Issa x-xogħol beda u nittamaw li jkun lest matul is-Sajf. Xtaqna kieku nistennew il-festa tgħaddi qabel nibdew, imma aħjar wieħed ma jissugrax iżżejjed għax jaf jibda l-maltemp aktar kmieni mis-soltu.



## TBERIK TA' ANNIMALI U PETS

### IL-ĦADD 10 TA' ĠUNJU 1990

Din is-sena t-tberik ta' l-annimali u pets se jsir qrib il-festa ta' Santa Katarina meta jkun hawn diġà ħafna tiżjin fit-toroq u l-ambjent ikompli jsebbaħ din l-attività. It-tberik se jsir bħas-soltu. It-tfal jiltaqgħu bil-pets mal-ġenb tal-knisja quddiem l-Oratorju. Fid-9.00 a.m. jimxu flimkien sa San Girgor. Warajhom jaslu l-bhejjem li jkunu telqu minn Misraħ Carlo Diacono. Ħdejn San Girgor isir it-tberik u jitqassmu ċ-ċertifikati. Kollox jispiċċa sal-10.30 a.m. biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem fil-ħruġ tal-vara.

Tinsiex li biex tieħu sehem trid iġġib formola mill-uffiċċju parrokkjali u tirritornaha mimlija sat-Tnejn 4 ta' Ġunju.